

Espert Ewlieni fil-Qasam tal-Immudellar Matematiku

Unità: Metodi u Standards Xjentifiċi
Referenza: ECDC/AD8/2023/SMS-PEMM

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe post vakanti futur fil-qasam.

Il-post jinsab fit-Taqsima tal-Proċessi u l-Metodi Xjentifiċi (SPM), li fih d-detentur tal-impjieg se jirrapporta għand il-Kap tat-Taqsima. It-Taqsima tal-SPM hija bbażata fi ħdan l-Unità tal-Metodi u l-Istandards Xjentifiċi. Id-detentur tal-impjieg se jipprovdi għarfien espert u tmexxija fil-qasam tal-immudellar matematiku, kif ukoll il-fokus tal-għarfien espert fi ħdan l-ECDC, fir-rigward ta' evalwazzjonijiet ekonomiċi tas-saħħa, biex jiggwida l-politika ta' prevenzjoni u kontroll ta' mard infettiv kif ukoll il-fehim u l-previżjoni tax-xejriet u tal-impatti tad-determinanti u tal-mard.

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- Imexxi x-xogħol tal-immudellar matematiku fl-ECDC u jipprovdi pariri strateġiċi liċ-Ċentru;
- Janalizza suġġetti emerġenti kif ukoll joħloq u jimplimenta mudelli u studji ekonomiċi tas-saħħa biex jiġu indirizzati l-mistoqsijiet relatati mas-saħħa pubblika;
- Jidentifika lakuni kritiċi fl-għarfien għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard infettiv li jistgħu jiġu indirizzati permezz tal-immudellar matematiku;
- Jimplimenta metodi ta' previżjoni għall-mard infettiv u d-determinanti tagħhom, filwaqt li jippreżenta xenarji u jikkwantifika l-inċertezza;
- Jaħdem mill-qrib mal-esperti fi ħdan l-ECDC (eż. l-epidemjologi, l-esperti fl-istatistika, fis-sorveljanza, fl-intelliġenza dwar l-epidemji u fil-mard) u jikkordina proġetti li għandhom ambitu ta' mmudellar matematiku jew ta' ekonomija tas-saħħa, li jinvolvu esperti fi ħdan l-Unitajiet u l-Programmi relatati mal-Mard;

- Jikkontribwixxi għall-istabbiliment u għas-sostenn ta' sħubiji ma' networks ta' mmudellar eżistenti u ma' esperti, kif ukoll ma' esperti fl-ekonomija tas-saħħa, fi ħdan l-istituti tas-saħħa pubblika u istituzzjonijiet akkademiċi fuq livell tal-Istati Membri, dak Ewropew u internazzjonali;
- Jipproponi approċċi metodoloġiċi għall-immudellar matematiku u l-evalwazzjonijiet ekonomiċi li jistgħu jikkumplimentaw l-iżvilupp tal-eżiti tal-ECDC;
- Jibqa' aġġornat mal-letteratura attwali dwar l-immudellar tal-mard u l-evalwazzjonijiet ekonomiċi tas-saħħa u jivvaluta l-valur tagħha għax-xogħol tal-ECDC kif ukoll jikkontribwixxi għall-attivitajiet ta' bini tal-kapaċitajiet;
- Jikkontribwixxi għall-ippjanar, l-abbozzar, l-implementazzjoni u l-monitoraġġ tal-pjan ta' ħidma u tal-baġit;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu;
- Jista' jintalab biex jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' erba' snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas tliet snin¹;
- Mill-inqas disa' snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-għoti tad-diploma);
- Għarfien approfondit ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)⁴;
- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

1 Se jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

2 Servizz militari obbligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

3 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew ogħla).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali l-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

4 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

B. Kriterji ta' selezzjoni

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward ta' esperjenza professjonali u karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza/għarfien professjonali:

- Mill-inqas ħames snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma) f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjieg, inkluża esperjenza fl-immudellar ta' mard infettiv;
- Lawrja fix-xjenzi bijomediċi, fl-epidemjoloġija, fix-xjenzi naturali, fil-matematika (applikata), jew f'qasam relatat;
- Fehim eċċellenti tal-epidemjoloġija tal-mard infettiv u esperjenza mixhuda fl-immudellar tal-mard infettiv b'impatt għoli fuq id-deċiżjonijiet dwar is-saħħa pubblika;
- Fehim eċċellenti tal-evalwazzjonijiet ekonomiċi tas-saħħa bħal studji dwar il-kosteffettività, il-piż ta' analiżijiet tal-mard, it-teknoloġija tas-saħħa u l-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-saħħa fil-qasam tas-saħħa pubblika;
- Esperjenza mixhuda fil-ġestjoni ta' proġetti fuq skala kbira u esperjenza fil-koordinazzjoni tal-kontribut ta' esperti minn dixxiplini differenti;
- Profiċjenza fil-lingwa statistika R u possibbilment ħiliet ta' programmar addizzjonali fl-ambjent C++, Python jew Linux, u użu mixhud tal-lingwa tal-kodifikazzjoni biex jissolvew problemi ta' mmudellar;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Tkun xprunat mill-kwalità u orjentat lejn is-servizz;
- Ħiliet analitiċi, komputazzjonali, statistiċi u ta' soluzzjoni tal-problemi b'saħħithom;
- Kapaċità li taħdem b'mod kollaborattiv f'tim multidixxiplinari u multikulturali u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Ħiliet tajbin ta' komunikazzjoni bil-fomm u bil-miktub u kapaċità li tikkomunika b'mod effettiv dwar kwistjonijiet ta' saħħa pubblika, mudelli u riżultati ta' mmudellar ma' persuni minn dixxiplini u oqsma xjentifiċi oħra;
- Tkun orjentat lejn ir-riżultati b'ħiliet organizzattivi tajbin u l-kapaċità li taħdem taħt pressjoni;

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat ta' selezzjoni jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji ta' selezzjoni msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom jinnutaw li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista preliminari

ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista preliminari ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel se jiġi rekrutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Listta ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal din il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' rekrutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tiltaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikunu qed jintbagħtu ħafna applikazzjonijiet fl-istess ħin fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert li l-indirizz tal-email li tipprovi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolament.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁵ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁵ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa tal-operazzjonijiet ta' kuljum fl-Aġenzija hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.